

Brussell, 28 ta' Marzu 2025  
(OR. en)

7490/25

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2024/0051(NLE)**

---

---

**IXIM 64  
ENFOPOL 98  
JAIEX 30  
AVIATION 35  
CDN 1  
JAI 376**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru dok. Cion:	7323/24 + ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, ta' ftehim bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea dwar it-trasferiment u l-ipproċessar ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) – Adozzjoni

---

1. Fid-19 ta' Ottubru 2017, il-Kummissjoni ppreżentat rakkomandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada għat-trasferiment u l-użu ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u forom serji oħra ta' kriminalità tranżnazzjonali.
2. Fis-7 ta' Diċembru 2017, il-Kunsill adotta Deċiżjoni li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati għal Ftehim u ta lill-Kummissjoni d-direttivi ta' negozjati meħtieġa. Il-Parlament Ewropew (PE) ġie infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE fil-11 ta' Diċembru 2017.

4. Fl-4 ta' Marzu 2024, wara li ntemmu n-negozjati, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, ta' ftehim bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea dwar it-trasferiment u l-ipproċessar ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR)<sup>1</sup>, u proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, ta' ftehim bejn il-Kanada u l-Unjoni Ewropea dwar it-trasferiment u l-ipproċessar ta' data tar-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR)<sup>2</sup>.
5. Fil-25 ta' April 2024, l-Irlanda nnotifikat lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill li tixtieq tiegħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni tad-Deċiżjonijiet proposti tal-Kunsill.<sup>3</sup>
6. Fit-13 ta' Ġunju 2024, fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kunsill:
  - adotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-ftehim kif tinsab fid-dokument 8895/24, kif ukoll it-test tal-Ftehim kif jinsab fid-dokument 8896/24 (testi ffinalizzati mill-ġuristi lingwisti);
  - iddeċieda li jinforma lill-Parlament Ewropew dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-ftehim;
  - iddeċieda li jibgħat l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehim, kif jinsab iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti fid-dokument 8897/24, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.
7. Fit-12 ta' Marzu 2025, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-Ftehim.

---

<sup>1</sup> 7315/24 + ADD 1

<sup>2</sup> 7323/24 + ADD 1.

<sup>3</sup> 9352/24

8. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, u soġġett għall-konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:
- jadotta, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehim kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument 8897/24;
  - jieħu nota li l-Parlament Ewropew ser jiġi infurmat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE, u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew.
-